

Teħid ta' ġurament mill-membri l-ġodda tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2016/C 007/02)

Wara l-ħatra tagħhom bħala Mħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja b'deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tas-16 ta' Settembru 2015 ⁽¹⁾, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021, M. Vilaras u E. Regan ħadu l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2015.

Wara l-ħatra tagħhom bħala Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja b'deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-1 ta' April 2015 ⁽²⁾, it-12 ta' Ġunju 2015 ⁽³⁾ u s-16 ta' Settembru 2015 ⁽⁴⁾, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021, H. Saugmandsgaard Øe, M. Bobek u M. Campos Sánchez-Bordona ħadu l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2015.

⁽¹⁾ ĠU L 244, 19.9.2015, p. 58.

⁽²⁾ ĠU L 96, 11.4.2015, p. 11.

⁽³⁾ ĠU L 151, 18.6.2015, p. 24.

⁽⁴⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 1.

Elezzjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2016/C 007/03)

Fil-laqgħa tat-8 ta' Ottubru 2015, l-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja eleggiew, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regoli tal-Proċedura, lil K. Lenaerts, bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mit-8 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2018.

Elezzjoni tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja

(2016/C 007/04)

Fil-laqgħa tat-8 ta' Ottubru 2015, l-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja eleggiew, skont l-Artikolu 8(4) tar-Regoli tal-Proċedura, lil A. Tizzano, bħala Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mit-8 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2018.

Ħatra tal-Avukat Ġenerali Ewlieni

(2016/C 007/05)

Il-Qorti tal-Ġustizzja ħatret, fil-laqgħa tagħha tat-12 ta' Ottubru 2015, lil M. Wathelet bħala l-Avukat Ġenerali Ewlieni għall-perijodu mit-12 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2016.

Elezzjoni tal-presidenti tal-awli komposti minn tliet Imħallfin

(2016/C 007/06)

Fil-laqgħa tat-12 ta' Ottubru 2015, l-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja eleggiew, skont l-Artikolu 12(2) tar-Regoli tal-Proċedura, lil A. Arabadjiev, bħala President tas-Sitt Awla, lil C. Toader, bħala President tas-Seba' Awla, lil D. Šváby, bħala President tat-Tmien Awla, lil C. Lycourgos, bħala President tad-Disa' Awla, u lil F. Biltgen, bħala President tal-Għaxar Awla, għall-perijodu mit-12 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2016.